MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 277/2004

Il-Pulizija
(Spt. Stephen Micallef)

Vs
Anthony McKay

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tal-9.30 p.m. fi Regional Road, San Giljan, saq vettura nru. IAE-431 :
1) b'manjiera perikoluza;
2) b'manjiera traskurata;
3) b'giri aktar milli jmissu;
4) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura nru. IAE-431 qasam il-linji bojod kontinwi;
5) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal u juza l-indikatur tal-vettura meta kien sejjer

ibiddel id-direzzjoni minn karreggjata ghal ohra jew met kien sejjer jaqbez vettura ohra;
6) hedded lil PC 670 W. Sheldon u lil PC 901 C. Attard persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
7) kiser il-paci pubbliku w l-bon ordni b’ghajjat u glied;
8) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma hallix jew fixkel lill-Pulizija waqt li kienu qed jaghmlu dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma hallix lill-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;
9) qal kliem oxxen jew klien indicenti fil-pubbliku;
10) qal kliem fahxi li jikonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 95(1), 338(dd)(ee), 338(g), 342 tal-Kap. 9 u l-MVR 127, 88, 75 L.N. 128/94 u L.N. 94/69, sabet lill-imputat hati fuq it-tieni, t-tielet, ir-raba’, l-hames, it-tmienja, d-disa’ u l-ghaxar akkuza w ikkundannatu ghall-multa ta’ mija w hamsin lira Maltin (LM150), filwaqt li lliberatu mill-ewwel, is-sitta w is-seba akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Dicembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn ma sabitx lill-esponenti hati tal-ewwel, is-sitta w is-seba mputazzjoni, thassarha w tirrevokha f’dik il-parti fejn sabet lill-esponent hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet u minflok tillibera lill-esponent minn kull akkuza, htija w piena jew alternattivament thassarha w tirrevokaha f’dik il-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi b' mod li s-sejbien ta' htija ma kienx *safe and satisfactory*. B'mod partikolari l-Ewwel Qorti, b'riferenza ghat-tieni, t-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjonijiet naqset illi taghti piz u importanza lis-segwenti fatturi :- li dak il-hin, gurnata tas-Sibt, f' dawk l-inhawi fejn ikun hemm koncentrazzjoni qawwija ta' traffiku, difficli li wiehed isuq bi speed eccessiv; illi l-appellant kien kostrett li jeffettwa l-manuvra li ghamel minnhabba li quddiemu kien hemm vettura li kienet qed tohloq hsejjes zejda u illi hu fl-ebda hin ma kien traskurat fis-sewqan tieghu ; 3. illi b' riferenza ghall-ahhar tlitt akkuzi, l-atteggjament tal-appellant irid jiftiehem fis-sew illi huwa mhux talli ma riedx ifixkel l-operat tal-Pulizija jew ma jobdix l-ordnijiet taghhom, izda talli hu kkopera maghhom u indikalhom dik il-vettura illi kienet b' mod illegali qed tohloq storbju w dhahen ; 4. illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-piena nflitta kienet wahda eccessiva w esagerata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2005.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Accediet fuq il-lokalita' in kwistjoni privatament;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-din il-kawza graw fil-5 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tad-9.30pm., meta l-appellant kien qed isuq fit-tunnel tar-Regional Road, f' San Giljan, fid-direzzjoni ta' Paceville u, wara li gie nutat qed jaqleb il-*lane* fit-*tunnel* minn ufficjali tal-Pulizija, gie imwaqqaf minnhom wara li hareg mill-istess mina.

**PC 670 WALTER SHELDON** xehed li kien fil-vettura tal-Pulizija tad-distrett fil-jum, hin u post in kwistjoni u nnota *car* quddiemu numru LAE 431 Golf abjad li qalbet il-*lane* minn dak ta' gewwa fejn kienet ghal dak ta' barra w regghet dahlet lura fil-lane ta' gewwa bla ma ghamlet sinjali. Dak il-hin it-*tunnel* kien liberu mit-traffiku u l-*queue* kien jibda kif taqbad il-*bridge*. Huma xeghelu l-*beacon* u segwewh u waqqfuh. L-appellant kellu mieghu mara w tifel wara. Meta waqqfuh beda jheddidhom u jghidilhom li kienu qed jitkesshu w li kien ser johdilhom in-numru w jirraporthom lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant ma obdiex l-ordni taghhom u mar jghajjat ma tal-car l-ohra w dan meta hu kien qallu biex ma jmurx 'l hemm ghax dak il-hin kien qed johodlu l-*particulars* tieghu. Beda ukoll jidghi bil-Masdonna w semma l-ostja. Kliem oxxen hu ma semghax. L-appellant kellu *speed* eccessiv ghax beda jitbieghed minnhom waqt li qed isegwuh.

**PC 901 CHRISTOPHER ATTARD** xehed li l-appellant kien zied l-*speed* u qaleb bla sinjal fuq il-"*white line"* u rega mar fuq ix-xellug. Huma kienu waqqfuh fuq il-*bridge* . Meta waqqfuh l-appellant mar fuq wiehed li kien b' karozza Vauxhall u gibidha bil-Madonna u qallu li dak li gara kien minhabba fih . Huma gibduh lura u l-appellant qallhom "Ghamlu l-ostja tridu" u li kien ser jirraporthopm lill-Kummissarju tal-Pulizija. Hemm il-limitu regolamentari tal-velocita' hu ta' 45kfs u hu (ix-xhud) kien ghaddej ezatt b' dak l-*speed*. Il-*cars* kienu qed jingemghu fejn it-*traffic lights* u l-*car* l-ohra waslet hemm ftit wara li waqqfu lill-appellant.

**L-APPELLANT** minn jeddu xehed li hu kien qed isuq il-car Wolkswagen Golf u qabel ma dahal fit-*tunne*l kien hemm car hamra b' hames guvintur . Kien hemm *traffic* got-*tunnel* u hu kien qabzu. Hu umbaghad kien waqaf fejn il-*lights* u l-Pulizija gibduh mall-gemb. Umbaghad hemm waslet il-*car* l-ohra u l-Pulizija kienu tawha citazzjoni wara li hu stess kien gibed l-attenzjoni taghhom Hu stqarr li jaf li ma jistax jaqbez il-*"white line"* imma qal li dak il-hin il-mara u t-tifel tieghu kienu ippanikjaw bil-hoss li kienet qed taghmel il-vettura l-ohra . Kien qalilhom bil-Kummissarju

ghax kien hass li ma kellux tort. Ma jafx jekk qabzitlux xi kelma hazina izda mhux veru li kien mar ghal tal-karozza l-ohra ghax dawn kienu hames minn-nies.

Ikkonsidrat;

Illi apparti l-aggravju dwar il-piena , l-aggravji l-ohra jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament , jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta'

certu grad ta' *"recklessness"* (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) "*Recklessness"* giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari , imma ma hemmx bzonn li l-manuvra tikkonkretizza ruha f' konsegwenzi dizastruzi . Il-ligi in tema ta' sewqan perikoluz tikkuntenta ruha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta'."*

Illi gie ukoll ritenut li speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. (Appell Krim. **"Il-Pulizija vs. R. Bugeja**" [30.6.1962] .

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-appellant veru kien qaleb il-*lane* ghal darba , darbtejn fit-*tunnel* fejn hemm sinjal abjad kontinwu f' nofs il-karreggjata li jaqsam "*lane*" minn iehor u li allura jipprojbixxi li wiehed jaqleb il-*lanes* dment li jkun got-*tunnel*. L-appellant ma jikkontestax li ghamel din il-manuvra bhala fatt izda jipprova jiggustifikaha bl-iskuza fjakka li kien ghamel hekk ghax il-karozza ta' quddiemu kienet qed iddahhan u taghmel il-hoss u martu w ibnu kienu ppanikaw . Din fil-fehma tal-Qorti ma hija skuza xejn li tista' b' xi mod tiggustifika li hu kellu jaghmel il-manuvra projbita li hu ghamel. Irrizulta ukoll li hu kien qed jeccedi l-limitu tal-velocita' massima regolamentari ghal dik il-lokalita' peress li kull ma jmur kien qed jaccelera w jitbieghed mill-*car* tal-Pulizija li kienet qed issegwieh u li kienet miexja ezatt bl-ispeed regolamentari ta' 45 kfs. Jirrizulta ukoll li meta kien qaleb il-*lane* ma kienx xeghel l-*indicator* u ghalhekk jirrizultaw pruvati it-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjonijiet.

Pero' fil-fehma tal-Qorti dawn il-kontravvenzjonijiet ghalkemm , kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, ma jammontawx ghal dak il-grad ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz skond l-ewwel imputazzjoni, hu ovvju li pero' jikkostitwixxu sewqan b' manjiera traskurata skond it-tieni imputazzjoni.

Dwar l-ahhar hames imputazzjonijiet umbaghad l-appellant gja gie liberat mis-sitt imputazzjoni ta' theddid fil-konfront ta' PC Sheldon u PC Attard u mis-seba imputazzjoni ta' ksur tal-paci pubblika w l-buon ordni b' ghajjat u glied . Mill-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jirrizulta pruvat li l-appellant kien dagha w ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija meta qalulu biex ma jmurx hdejn tal-karozza l-ohra w mar xorta wahda. Pero' ma jirrizultax li hu qal kliem oxxen jew kliem indecenti fil-pubbliku.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-

parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) Issa l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena komplessiva ta' mija w hamsin lira (LM150) multa, meta fil-waqt li it-tieni imputazzjoni ta' sewqan b' manjiera traskurata hija punibbli bil-multa, l-imputazzjonijiet l-ohra huma ta' natura kontravvenzjonali w punibbli bl-ammenda. B' dana kollu ma saritx distinzjoni bejn id-diversi pieni applikabbli. Inoltre ghall-fini ta' piena it-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjoni ghandhom jigu assorbiti fit-tieni imputazzjoni billi servew bhall-mezz biex seta' jigi kommess ir-reat aktar gravi ta' sewqan b' manjiera traskurata. Ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena kif ser jidher hawn taht w ghalhekk dan l-aggravju hu in parte gustifikat .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni, it-tielet , ir-raba u l-hames imputazzjonijiet b' dan li dawn l-ahhar tlitt imputazzjonijiet, ghall-fini tal-piena, ghandhom jigu assorbiti fit-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta , kif ukoll qed tigi konfermata fejn sabitu hati tat-tmin u l-ghaxar imputazzjoni w ma sabitux hati tal-ewwel, is-sitt u s-seba' imputazzjoni w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tad-disgha imputazzjoni ta' kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku w fejn ikkundannatu ghall-mija w hamsin lira Maltin (LM150) multa w minnflok tilliberah mid-disgha imputazzjoni w tikkundannah ghall-multa ta' hamsin lira Maltin (LM50) fuq it-tieni imputazzjoni bl-assorbiment tat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet, hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda ghat-tmin imputazzjoni w ghall hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda ghall-ghaxar imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------